

KONKLUŻJONIJIET

Suġġett: Conclusions of the 49th meeting of the EEA Council
(Brussels, 23 May 2018)

Id-disa' u erbgħin laqgħa tal-Kunsill taż-ŻEE saret fi Brussell fit-23 ta' Mejju 2018 taħt il-Presidenza tas-Sur Emil Karanikolov, Ministru għall-Ekonomija tal-Bulgarija, li rrappreżenta l-Presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-Sur Guðlaugur Þór Þórðarson, Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Iżlanda, is-Sinjura Ine Eriksen Søreide, Ministru għall-Affarijiet Barranin tan-Norveġja, u s-Sinjura Aurelia Frick, Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Liechtenstein, kif ukoll Membri tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Il-Kunsill taż-ŻEE ddiskuta l-funzjonament inġenerali tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (Ftehim ŻEE) u organizza dibattitu ta' orjentazzjoni dwar ir-Rieżami tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.

Djalogu Politiku

1. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa li s-sħubija mill-qrib bejn l-UE u l-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE kienet l-aħjar garanzija għal prosperità u stabbiltà kondiviża fit-tul. F'dan il-kuntest, il-Kunsill ŻEE nnota li, fil-qafas tad-Djalogu Politiku, il-Ministri għandhom jiddiskutu *l-implikazzjonijiet tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE għall-Ftehim ŻEE, u l-impenn tal-UE mal-Balkani tal-Punent*. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza tat-tkomplija tal-prattika li jiġu mistiedna uffiċjali mill-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE għal djalogi politiċi fil-livell tal-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill tal-UE.

2. Rigward il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza li jiġi salvagwardat il-Ftehim ŻEE, li jiżgura l-kontinwazzjoni ta' ŻEE omoġenea u li taħdem sew, u li tiġi ppreservata l-integrità tas-Suq Intern. Il-Kunsill taż-ŻEE laqa' d-djalogu mill-qrib u l-iskambju kontinwu ta' informazzjoni li ġie stabbilit bejn l-UE u l-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE dwar in-negozjati bejn l-UE u r-Renju Unit skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar il-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE.
3. Il-Kunsill taż-ŻEE, konxju mid-dimensjoni taż-ŻEE tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE, appella għal kontinwazzjoni tad-djalogu bejn l-UE u l-Istati taż-ŻEE-EFTA biex tiġi żgurata l-omoġeneità kontinwa fiż-ŻEE.

Kooperazzjoni fiż-ŻEE

4. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa r-rwol ewlieni li kellu l-Ftehim ŻEE fil-progress tal-integrazzjoni ekonomika bejn l-UE u l-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa l-kontributi pożittivi li saru mill-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE għall-proċess tat-tfassil tad-deċiżjonijiet dwar il-leġislazzjoni u l-programmi tal-UE rilevanti għaż-ŻEE permezz tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-kumitati, il-gruppi ta' esperti u l-aġenziji rilevanti, kif ukoll permezz tal-preżentazzjoni ta' Kummenti taż-ŻEE-EFTA. Il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza li jiġu mistiedna l-Ministri tal-EFTA membri taż-ŻEE għal-laqgħat Ministerjali informali u l-konferenzi Ministerjali tal-UE rilevanti għall-parteċipazzjoni taż-ŻEE-EFTA fis-Suq Intern, u esprima l-apprezzament tiegħu lill-Presidenza Bulgara attwali u lill-Presidenza Awstrijaka li jmiss talli komplew din il-prattika.

5. Filwaqt li jilqa' l-irkupru reċenti tal-ekonomija Ewropea, il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-importanza ta' Suq Intern li jaħdem sew bħala xprun biex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda fl-Ewropa kollha. Il-Kunsill ŻEE rrikonoxxa l-importanza ta' kondizzjonijiet prevedibbli tal-kummerċ għall-operaturi ekonomiċi fi ħdan iż-ŻEE. Huwa ssottolinja l-indiviżibbiltà u l-importanza tal-erba' libertajiet għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Intern, li huwa fl-interess komuni tal-Partijiet Kontraenti kollha. Il-Kunsill taż-ŻEE laqa' b'sodisfazzjon il-passi li diġà ttieħdu biex jiġu implimentati l-proposti li jinsabu fl-istrategġiji għal Suq Uniku Diġitali u għat-titjib tas-Suq Intern, bil-ħsieb li jiġi sfruttat b'mod sħiħ il-potenzjal ta' tkabbir u ta' produttività mhux utilizzat tiegħu. Il-Kunsill taż-ŻEE qabel li kien jenħtieġ approċċ olistiku biex jiġu indirizzati wħud mill-isfidi ewlenin li jiffaċċa s-Suq Intern, u enfasizza l-importanza tal-involviment mill-qrib tal-Istati taż-ŻEE-EFTA fit-tfassil u l-iżvilupp ulterjuri ta' politiki u inizzjattivi marbuta mas-Suq Intern. Filwaqt li enfasizza l-fatt li għarfien akbar tal-Ftehim ŻEE madwar iż-ŻEE kollha kien fl-interess tal-Partijiet Kontraenti kollha, il-Kunsill taż-ŻEE ħeġġeġ lill-UE u l-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE biex jiżguraw li informazzjoni dwar il-Ftehim ŻEE kienet disponibbli malajr u faċilment.
6. Filwaqt li jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-kooperazzjoni parlamentari u l-kooperazzjoni bejn is-sħab ekonomiċi u soċjali fiż-ŻEE, il-Kunsill taż-ŻEE nnota r-Riżoluzzjoni tal-Kumitat Parlamentari Konġunt taż-ŻEE adottata fil-laqgħa tiegħu f'Stavanger tas-7 u t-8 ta' Mejju 2018 rigward ir-*Rapport Annwali tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar il-Funzjonament tal-Ftehim ŻEE fl-2017*, u r-Riżoluzzjonijiet tal-Kumitat Konsultattiv taż-ŻEE adottati fil-laqgħa tiegħu f'Rejksjavik fit-3 u l-4 ta' Mejju 2018 dwar il-*Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata fiż-ŻEE*, u s-*Settur tat-trasport bit-triq fiż-ŻEE soċjalment ġust b'regoli komuni infurzati b'mod effettiv*.

Enerġija u tibdil fil-klima

7. Il-Kunsill taż-ŻEE ta importanza kbira lit-tkomplija tal-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE fil-politiki ambjentali, dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, partikolarment fid-dawl tal-Qafas ta' politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 u l-Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar it-Tibdil fil-Klima li Tħares 'il Quddiem. L-UE u l-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE esprimew l-impenn tagħhom għat-tranżizzjoni għal ekonomiji u soċjetajiet b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra, sostenibbli u reżiljenti għall-klima. Huma esprimew ukoll l-impenn tagħhom li jintlaħaq eżitu ta' suċċess taħt il-programm ta' ħidma tal-Ftehim ta' Pariġi fl-24 Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fil-Polonja f'Diċembru u li jipparteċipaw b'mod attiv fid-Djalogu ta' Talanoa, u b'hekk jagħtu lok għall-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Pariġi.
8. Filwaqt li jirrispetta d-dritt tal-Partijiet Kontraenti li jiddeterminaw il-kondizzjonijiet għall-isfruttament tar-riżorsi ta' enerġija tagħhom, l-għażla tagħhom bejn sorsi ta' enerġija differenti u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija, il-Kunsill taż-ŻEE nnota li l-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE jibqgħu sħab ewlenin tal-UE bħala fornitur affidabbli tal-enerġija u enfasizza li għandha titkompla l-kooperazzjoni mill-qrib fl-oqsma tas-Suq Intern tal-Enerġija, flimkien mal-kooperazzjoni fl-oqsma tas-sigurtà tal-enerġija, l-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet, il-promozzjoni ta' enerġija b'livell baxx ta' karbonju kompetittiva, reżiljenti għat-tibdil fil-klima, sikura u sostenibbli, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, ir-riżorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-ġbir, l-użu u l-ħżin tal-karbonju (CCUS), l-ekonomija ċirkolari, kif ukoll kwistjonijiet ambjentali oħra bħalma huma s-sustanzi kimiċi, il-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma, il-bijodiversità u t-tniġġis.

Mekkaniżmu Finanzjarju

9. Il-Kunsill taż-ŻEE enfasizza l-importanza tas-solidarjetà fost il-pajjiżi tal-Ewropa biex jiġu meghlubha l-isfidi soċjali u ekonomiċi fiż-ŻEE, li huwa fl-interess komuni tal-Partijiet Kontraenti kollha. F'dan is-sens, huwa esprima tħassib dwar il-livell għoli kontinwu tal-qgħad fost iż-żgħażaġħ fuħud mill-Istati Membri taż-ŻEE. Il-Kunsill taż-ŻEE laqa' b'sodisfazzjon il-kontribut pożittiv tal-Mekkaniżmi Finanzjarji taż-ŻEE u tan-Norveġja biex inaqqsu d-differenzi ekonomiċi u soċjali fiż-ŻEE kollha. Fir-rigward tal-ftehimiet dwar Mekkaniżmu Finanzjarju taż-ŻEE u tan-Norveġja għall-perijodu 2014-2021, il-Kunsill taż-ŻEE laqa' l-progress li sar fin-negozjati dwar Memoranda ta' Qbil bejn l-Istati taż-ŻEE-EFTA u l-Istati Benefiċjarji fl-UE, innota l-ftuħ tal-ewwel sejħiet għal proposti u jistenna b'interess li jibdedu il-proġetti taħt il-mekkaniżmi l-ġodda.

Kontrolli fuq il-kapital

10. Il-Kunsill taż-ŻEE nnota li l-moviment liberu tal-kapital huwa libertà fundamentali tas-Suq Intern u parti integrali mill-*acquis* taż-ŻEE u rrikonoxxa li r-restrizzjonijiet jistgħu jiġu implimentati biss b'mod temporanju abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 43 tal-Ftehim ŻEE. Il-Kunsill taż-ŻEE laqa' l-progress tal-pjan komprensiv tal-Gvern Iżlandiż biex jitneħħew il-kontrolli fuq il-kapital mingħajr ma tiġi mhedda l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja tal-pajjiż, b'mod partikolari l-passi biex jitneħħew il-kontrolli fuq il-kapital fuq individwi, kumpanniji u fondi tal-pensjonijiet. Barra minn hekk, il-Kunsill ŻEE laqa' l-progress li sar għat-tneħħija tal-kontrolli fuq il-kapital fil-Greċja.

Programmi tal-UE

11. Filwaqt li rrikonoxxa l-kontribut tal-programmi tal-UE fil-bini ta' Ewropa aktar kompetittiva, innovattiva u soċjali, il-Kunsill taż-ŻEE laqa' l-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE fil-programmi rilevanti għaż-ŻEE li kkontribwixxew finanzjarjament għalihom. Il-Kunsill taż-ŻEE rrikonoxxa b'mod partikolari l-parteċipazzjoni attiva u l-integrazzjoni sħiħa tal-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-assoċjazzjoni ta' suċċess tan-Norveġja u l-Iżlanda f'Orizzont 2020, il-programm ewlieni tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, kif ukoll fil-Programm Erasmus+ fil-qasam tal-edukazzjoni, iż-żgħażaġh u l-isport, u f'Ewropa Kreattiva għas-settur kulturali u dak awdjoviżiv. Il-Kunsill taż-ŻEE għandu jkompli jagħti importanza kbira lill-integrazzjoni u l-allinjament tal-politika tal-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE mal-UE fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni u fl-edukazzjoni u l-kultura.
12. Il-Kunsill taż-ŻEE ħa nota tat-tħejjijiet għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss għall-2021-2027. Huwa nnota b'mod debitu l-kontribuzzjonijiet mill-Istati taż-ŻEE-EFTA u hegghom biex jieħdu sehem attiv fil-programmi tal-UE previsti fil-qafas finanzjarju l-ġdid. Din il-parteċipazzjoni hija mezz lejn l-iżvilupp, it-tisħiħ u t-twessiegħ tal-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet li jaqgħu barra mill-erba' libertajiet, kif previst fil-Ftehim ŻEE.

L-inkorporazzjoni ta' atti tal-UE rilevanti għaż-ŻEE

13. Filwaqt li nnota r-Rapport ta' Progress tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE, il-Kunsill taż-ŻEE esprima l-apprezzament tiegħu għall-ħidma tal-Kumitat Konġunt sabiex jiżgura t-tkomplija tal-operat b'suċċess u l-funzjonament tajjeb tal-Ftehim ŻEE.
14. Il-Kunsill taż-ŻEE laqa' l-isforzi li għaddejjin biex jonqos l-għadd ta' atti tal-UE li qed jistennew biex jiġu inkorporati fil-Ftehim ŻEE kif ukoll biex jiġi aċċellerat il-proċess tal-inkorporazzjoni. Filwaqt li jfaħħar il-passi kollha li ttieħdu matul dawn l-aħħar snin, il-Kunsill taż-ŻEE nnota li l-għadd ta' atti li qed jistennew biex jiġu inkorporati kien għadu wieħed għoli wisq.

15. Il-Kunsill taż-ŻEE appella għat-tkomplija tal-ħidma sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti u dejjiemi l-għadd ta' atti li qed jistennew l-inkorporazzjoni u b'hekk tkompli tiġi żgurata ċ-ċertezza legali u l-omoġeneità fiż-ŻEE. Dan l-għan komuni jista' jinkiseb permezz ta' rieda politika u djalogu msaħħaħ fost l-esperti u l-organi rilevanti. Il-Kunsill taż-ŻEE ħeġġeġ lill-partijiet kollha biex jinvolve ruħhom b'mod kostruttiv biex isibu soluzzjoni għal kwistjonijiet pendenti diffiċli.
16. Filwaqt li laqa' l-progress reċenti li sar fil-livell tal-esperti, il-Kunsill taż-ŻEE enfażizza l-importanza li tiġi inkorporata minnufih il-leġislazzjoni pendenti fil-qasam tas-servizzi finanzjarji – li tirrappreżenta aktar min-nofs tax-xogħol b'lura – sabiex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwivalenti fiż-ŻEE kollha f'dan is-settur importanti. Il-Kunsill taż-ŻEE fakkar l-impenn kontinwu tiegħu għall-konklużjonijiet approvati mill-UE u l-Ministri għall-Finanzi u l-Ekonomija tal-EFTA membri taż-ŻEE fl-14 ta' Ottubru 2014, b'mod partikolari s-soluzzjoni mibnija fuq żewġ pilastri stabbilita fihom.
17. Meta wieħed iqis li l-protezzjoni tad-data hija parti integrali mill-Ftehim taż-ŻEE, il-Kunsill taż-ŻEE ssottolinja l-importanza tal-fluss liberu tad-data fl-ekonomija diġitali Ewropea. Huwa laqa' l-progress li sar fir-rigward tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, u appella għall-inkorporazzjoni rapida tiegħu fil-Ftehim ŻEE. Il-Kunsill taż-ŻEE stenna b'interess li tintlaħaq konklużjoni malajr kemm jista' jkun dwar l-inkorporazzjoni tat-Tielet Direttiva dwar il-Posta u l-Organiżmi Ġenetikament Modifikati.
18. Il-Kunsill taż-ŻEE nnota wkoll li kien hemm għadd ta' Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt fejn kienet inqabżet l-iskadenza ta' sitt xhur prevista fil-Ftehim ŻEE fir-rigward tal-awtorizzazzjoni kostituzzjonali. Huwa ħeġġeġ lill-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex isolvu l-każijiet pendenti kemm jista' jkun malajr u biex jevitaw dewmien bħal dan fil-futur.

Kummerċ agrikolu

19. Il-Kunsill taż-ŻEE laqa' d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali fi prodotti agrikoli u l-Ftehim bejn l-Iżlanda u l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fl-1 ta' Mejju 2018.
20. Il-Kunsill taż-ŻEE laqa' l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja fl-4 ta' Diċembru 2017 dwar preferenzi kummerċjali addizzjonali għal prodotti agrikoli li ntlaħaq abbażi tal-Artikolu 19 tal-Ftehim ŻEE u stenna b'interess li jgawdi l-benefiċċji ta' aktar kummerċ fi prodotti agrikoli. Il-Kunsill taż-ŻEE ħa nota tal-interess tal-UE li tkompli n-negozjati bejn l-UE u n-Norveġja dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi.
21. Il-Kunsill taż-ŻEE għaraf li l-Partijiet Kontraenti kienu affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 19 tal-Ftehim ŻEE, li jkomplu bl-isforzi tagħhom bil-għan li jiksbu l-liberalizzazzjoni progressiva tal-kummerċ agrikolu. Il-Kunsill taż-ŻEE hegħiġhom biex ikomplu d-djalogu dwar ir-rieżami tar-reġim kummerċjali għal prodotti agrikoli pproċessati fil-qafas tal-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 6 tal-Protokoll 3 għall-Ftehim ŻEE sabiex jiġi promoss aktar il-kummerċ f'dan il-qasam. F'dan ir-rigward, il-Kunsill taż-ŻEE ħa nota tad-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2018 tad-Deċiżjoni rilevanti tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE li tilliberalizza ulterjorment il-kummerċ fi prodotti agrikoli pproċessati bejn l-UE u l-Iżlanda, fuq bażi reċiproka.